# IL-VERITÀ DWAR IL-WASTESERV

## STQARRIJA MINISTERJALI MILL-ONOREVOLI LEO BRINCAT, MINISTRU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U T-TIBDIL FIL-KLIMA LEO BRINCAT

Fil-Manifest Elettorali tagħna wegħdna trasparenza u tmexxija għaqlija fil-kumpanija *WasteServ Malta Ltd*.

Kumpanija li hija kollha kemm hi taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Sa minn qabel l-elezzjoni kienu ilhom jaslulna rapporti kontinwi ta' allegati abbużi, irregolaritajiet, sistemi ineżistenti jew li fallew u krollaw, kif ukoll tidwir mal-lewża biex meta jiġu għall-ingaġġ tan-nies ikun hemm min jgħaddi mit-tieqa minflok mill-bieb.

Aħna ma ridniex noqogħdu biss fuq dawn l-allegazzjonijiet.

U dan minkejja li mal-milja taż-żmien sibna aktar minn sempliċi allegazzjonijiet.

Sibna ma' wiċċna rapport tal-Awditur Ġenerali ta' ħdax-il faċċata li kixef nuqqasijiet u każijiet ta' ksur ta' għadd ta' prattiċi u regoli stabiliti, li min kien politikament responsabbli u anke min kien responsabbli mill-amministrazzjoni tal-WasteServ missu dejjem żamm magħhom flok ġie jaqa' u jqum minnhom.

Sibna rapport kummissjonat mill-istess amministrazzjoni preċedenti li għalkemm nifhem li min kitbu tħallas għalih, dan jidher li baqa' fuq l-ixkaffa. Iżda mhux biss, tant ġie njorat li min kien responsabbli mill-*WasteServ* baqa' jagħmel l-istess li kien qiegħed jagħmel qabel. Fi kliem ieħor l-oppost ta' ħafna mill-affarijiet li jirrakkomanda dan ir-rapport.

Sibna rapport ta’ awdituri interni imqabbdin mill-*WasteServ* innifisha li mhux biss kixef abbużi kbar fis-sistemi u tmexxija tal-kumpanija, iżda wkoll li tkaża u lmenta li f’ħames snin sħaħ bħala awdituri ġew imċaħħda u ma ngħatawx aċċess għal sittin fil-mija ta’ oqsma fost l-aktar sensittivi fil-kumpanija, identifikati bħala *risk areas*. Fosthom hemm l-*accounting*, l-IT u l-amministrazzjoni tal-kumpanija.

Agħar minn hekk sabu bord li naqas serjament li jintroduċi kontrolli xierqa għall-kumpanija ta’ dak id-daqs.

Min-naħa tagħna kkummissjonajna tliet studji differenti minn ditti stabiliti fl-oqsma rispettivi tagħhom.

Ilum ser nitkellem dwar x’sabet il-kumpanija *Idea Management Consulting Services Ltd*. fil-qasam tal-organizzazzjoni, struttura u riżorsi umani ta’ *WasteServ Malta Ltd.*

Mir-rapport, li kopja tiegħu qed jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra, tħallew barra biss l-ismijiet tal-persuni involuti, għalkemm hemm referenzi għalbosta karigi speċifiċi, li mingħajrhom ir-rapport ma kienx ikun jirrifletti fedelment dak li nstab.

It-tir tagħna huwa wieħed biss. Li toħroġ il-verità kollha dwar il-*WasteServ* bħala organizzazzjoni u fejn jidħlu riżorsi umani. Rapporti oħrajn tekniċi dwar aspetti oħra tal-kumpanija jiġu ppubblikati fil-ġejjieni qrib malli jiġu preżentati lilna.

Bl-ebda mod ma rridu nagħtu x’nifhmu li bħala pajjiż stajna ngħaddu jew li missna għaddejna mingħajr il-*WasteServ*.

Id-dnub huwa li minħabba l-irresponsabilità ta’ wħud li misshom kienu jafu aħjar, il-kumpanija tbiegħdet daqstant mill-*Mission Statement* oriġinali tagħha.

Meta sar l-istudju, li ġie ffinalizzat lejn tmiem ix-xahar li għadda, instab dan li ġej:

- Għalkemm il-kumpanija kellha 409 ħaddiem jaħdmu fiha, 103 biss huma ħaddiema tal-*WasteServ*. It-306 l-oħra huma ħaddiema tal-*JF Security* u mhux tal-*WasteServ*. U dan minkejja li kienu qed jagħmlu xogħol ma' din il-kumpanija.

- Il-kuntratt oriġinali bejn il-*WasteServ* u l-kumpanija *JF Security* kellu jkun għal sena waħda biss u kellu jintemm fis-sena 2011. Dan ftit aktar tard spiċċa ġie estiż għal tliet snin biex issa jagħlaq f'Settembru tas-sena d-dieħla.

- Il-*WasteServ* mhux biss ħallset miljuni ta' ewro f'*commissions* lil *JF Security*, iżda minkejja li qalulna li n-nies kienu ddaħħlu mal-kuntrattur biex ikun hemm aktar flessibilità u biex jagħmlu xogħol ta' natura sekondarja, il-fatti spiċċaw juru mod ieħor.

- Hemm dipartimenti sensittivi bħall-qasam li jaqa' taħt ic-*Chief Operations Officer* fejn 'il fuq minn tmenin fil-mija tal-ħaddiema mhumiex ħaddiema tal-WasteServ, iżda huma ħaddiema tal-kuntrattur. Minn dawn hemm ukoll minnhom f'karigi importanti.

- Fid-dipartiment tac-*Chief Officer Compliance and Communication* insibu ħaddiema li lanqas biss huma ħaddiema tal-WasteServ: il-*PR and Communications Manager*, *Senior Clerk*, 3 persuni fuq *Customer Care*, *Communications* and *Branding Co-ordinator* u *Communications Assistant*.

- Il-Gvern preċedenti kellu rapport ta' konsulenza kkummissjonat mill-Ministeru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien, li jgħid li kellu jonqos l-għadd ta' ħaddiema li kienu qed iservu mal-kumpanija *WasteServ*. Ir-rapport li kkummissjonajna aħna iżda sab li bejn Jannar 2012 u Marzu 2013 in-numru ta' nies jaħdmu mal-*WasteServ* żdied b'108 persuna. Il-biċċa l-kbira minnhom bdew

iservu mal-kumpanija permezz tal-kuntrattur privat *JF Security Ltd*.

- Ma nstabet ebda sistema jew *policy* dwar kif u meta l-kumpanija kellha tingaġġa lin-nies direttament minn barra jew inkella kellha tistrieħ fuq is-servizzi ta' nies ingaġġati mill-kuntrattur.

- Dan in-nuqqas ta' policies eżistenti ħareġ ċar f'laqgħat, li min ħejja r-rapport għamel mal-ogħla uffiċjali tal-kumpanija nnifisha.

- Ma nstabet ebda referenza għal xi *policies* dwar ir-riżorsi umani, la fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani u lanqas fir-*records* tal-laqgħat tal-*management* jew fil-minuti tal-laqgħat li kellu l-bord.

- L-iskuża li nġiebet mill-ogħla uffiċjali tal-kumpanija kienet li l-burokrazija tal-Gvern kienet qed ixxekkel lill-*WasteServ* fl-operat tagħha meta tiġi biex tagħżel lin-nies meħtieġa, u għaldaqstant kienu ddeċidew li jikru s-servizzi ta' ħaddiema mingħand il-kuntrattur.

- Osservazzjoni li laqtitni hija li skont min ħejja r-rapport tal-lum, donnu li l-*JF Security Ltd.* kienet qed tmexxi lill-*WasteServ*, flok ma l-*WasteServ* kienet qed titmexxa bħala entità separata.

- Instab li l-*WasteServ* mhux biss kellha 106 tipi ta' impjiegi/karigi differenti, iżda wkoll li l-mod kif inħolqu dawn l-impjiegi/karigi jagħti x'jifhem li setgħu ġew maħluqa biex jindirizzaw il-ħtiġijiet personali ta' xi wħud flok tal-kumpanija nnifisha.

- Ħafna *job descriptions* huma kważi identiċi għal xulxin, minkejja li hemm nies f'*job positions* differenti ħafna minn xulxin.

Ngħaddi biex insemmi issa wħud mill-affarijiet li nstabu li jew huma nieqsa fil-kumpanija jew inkella huma f'qagħda dgħajfa.

- *Recruitment Policy – Policy* dwar kif għandu jsir ir-reklutaġġ tan-nies.

- *Manpower Plan.*

- Ma jeżistix Dipartiment tal-*Internal Audit* jew kumitat li jwieġeb liċ-*Chairman* tal-Bord.

- Struttura organizzattiva fjakka.

- Ebda proċeduri dwar kif isiru u jingħataw il-promozzjonijiet.

- Ebda korsijiet serji ta' taħriġ.

- Numru kbir ta' ħaddiema b'livell baxx jew limitat ta' edukazzjoni jew taħriġ.

- Sistema dgħajfa ta' dixxiplina u kontroll fuq il-post tax-xogħol.

- Ebda prattiċi ta' immaniġġjar għall-ippjanar strateġiku tal-*WasteServ* bħala kumpanija kummerċjali. Eż. *Strategic and Business Planning.*

- *Key Performance Indicators* bħala kejl xieraq ta' kemm taw riżultati effettivi l-ħaddiema.

- Kif ukoll prattiċi ta' *management* li wieħed kien jistenna anke minn kumpaniji żgħar fid-daqs.

- Għalkemm il-kumpanija qalet li għamlet pjan dwar il-ħtiġijiet tagħha li kien ġie preżentat fl-2011, dan qatt ma ġie aġġornat.

- Għalkemm jidher li saru xi attentati biex jiddaħħlu serje ta' proċeduri ġodda bit-tama li l-affarijiet jirranġaw ruħhom, jidher ċar iżda li sar ftit wisq u tard wisq.

- Fost l-affarijiet li l-aktar jistunaw insibu li l-uffiċċju taċ-*Chief Financial Officer* kellu taħtu funzjonijiet u dipartimenti li normalment jaqgħu taħt uffiċjali għolja oħra.

- Instab li fid-Dipartiment ta' qasam sensittiv bħal dak tal-finanzi, 55% tal-ħaddiema lanqas huma ħaddiema tal-WasteServ iżda ħaddiema tal-kuntrattur.

- Taħt iċ-*Chief Financial Officer* insibu fost oħrajn ir-riżorsi umani, il-*Procurement* (xiri), il-Finanzi, l-*Estate and Administration Department*, ir-*Registry*, l-*I.T.,* id-*Data Department*, it-*Tree Centre*, l-Uffiċċju ta' Għawdex u l-*Health and Safety*.

- Il-*Health and Safety* ġie mċaqlaq riċentament minn taħt iċ-*Chief Financial Officer* għal taħt l-*Operations*. B'mod stramb dan seħħ biss ftit wara li kelli laqgħa mal-ħaddiema u li matulha lmentaw miegħi dwar numru ta' nuqqasijiet fejn tidħol saħħa u sigurtà.

- Ta' min jgħid ukoll li mill-minuti tal-bord preċedenti nstab li min huwa responsabbli għall-qasam tas-saħħa u sigurtà fil-*WasteServ* kien instab ħati mill-Qrati Maltin ta' negliġenza fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà u kien ukoll taħt sentenza sospiża. Minkejja dan kollu l-bord tad-diretturi ħallewh ikompli jservi f'din il-kariga, minkejja li ma setax jiffirma ċerti dokumenti tant li għalhekk kellhom jitqabbdu terzi persuni.

- Jirriżulta wkoll li ħafna mill-*injury reports* ftit li xejn ġew verifikati jew investigati.

- Instab li l-komunikazzjoni bejn il-*Manager* responsabbli mis-Saħħa u s-Sigurtà u l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema fil-*WasteServ* kienet fqira għall-aħħar.

- Ir-*records* tal-ħaddiema flok ma jinżammu kif suppost fuq *software* apposta, instab li kienu qed jiżammu fuq *data base* tal-impjegati fuq għadd ta' *excel spreadsheets*. Xi ħaġa li anqas SME żgħira ma tagħmel.

- Ma kien hemm ebda strateġija dwar riżorsi umani, filwaqt li l-*attendance sheets* kienu jiġu skrutinizzati bl-iskossi.

- Għalkemm tħejja manwal għall-*procurement* dwar kif suppost kellu jsir ix-xiri fil-WasteServ, dan qatt ma ġie implimentat. Fiż-żmien dan l-eżerċizzju, din it-taqsima kienet f'idejn persuna waħda biss.

- Is-sezzjoni tal-I.T. minkejja li għandha aċċess għal ħafna informazzjoni sensittiva ma jidhirx li qatt kienet suġġetta għal awditjar.

- Is-sezzjoni tad-*Data*, li tiġbor tagħrif dwar skart f'siti varji tal-kumpanija mill-*weighbridges*, ma tidhirx li qasmet it-tagħrif li kellha mal-*Facility Managers* konċernati.

- Il-*WasteServ* għandha konsulent legali *part-time* u *Legal Advisor* ieħor fuq *reduced time basis*. Fl-istess waqt tuża estensivament kumpanija ewlenija ta' avukati.

- L-inċineratur tal-Marsa ma kellux *Emergency Response Plan.*

- Hemm xi proġetti li mhumiex taħt ir-responsabilità diretta taċ-*Chief Projects Manager.*

- L-uffiċċju ta' Għawdex mhuwiex definit b'mod ċar. Għalkemm suppost li jaqdi l-funzjoni ta' *Call Centre*, jitratta ilmenti u mistoqsijiet tal-Kunsilli Lokali u anke jingaġġa numru ta' Spetturi. Dan jitlob stħarriġ aktar fil-fond.

- Fl-uffiċċju taċ-*Chief Projects Manager*, li huwa direttament responsabbli għad-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għadd ta' proġetti inkluż dawk finanzjati mill-Unjoni Ewropea u aġenziji oħra barranin, hemm żewġ uffiċjali li lanqas biss huma ħaddiema tal-*WasteServ*, iżda ħaddiema ingaġġati minn u mal-kuntrattur. Fil-fatt 35% tan-nies f'qasam daqstant sensittiv huma nies mislufa mill-kuntrattur.

- Minkejja li tul is-snin sar xi titjib, il-Bord tad-Diretturi ta' qabel jidher li ffoka l-aktar fuq kwistjonijiet marbutin mal-operat tal-*WasteServ*, minflok ma ffoka aktar fuq kwistjonijiet strateġiċi. B'riżultat ta' dan, il-membri tal-bord jidher li ffukaw ħafna fuq kwistjonijiet ta' *micro management*.

- Filwaqt li fl-2008 id-diretturi tħallsu kważi €50,000, sas-sena 2012 din il-figura telgħet għal €66,109.

- F'ħafna każi tħallsu *management bonuses* ġenerużi li fuq medda ta' sitt snin jidher ċar li dawn il-*bonuses* qabżu l-KWART TA' MILJUN EWRO.

- Għalkemm intqal li dawn il-pagamenti saru fuq bażi ta' *Key Performance Indicators*, ma nstabet ebda evidenza dwar dan.

- Ma kien hemm ebda *Business Plan* intiż biex iħares lil hinn mis-sena 2012.

- Għalkemm bosta membri tal-*management* stqarrew li kienu jinżammu laqgħat tal-*management* fuq bażi regolari, dawn aktarx kienu *ad hoc* u bla aġenda ċara, mingħajr ebda *follow ups*

u ftit li xejn azzjoni. Li ħareġ ċar huwa li bejn Frar 2012 u Settembru 2012 inżammu biss sitt laqgħat tas-*Senior Management*.

- Mhux ta' b'xejn li ħaddiema fi gradi aktar baxxi ħassew li ma kinux qed jiġu kkonsultati mis-Senior Management.

Dawn in-nuqqasijiet serji ta' kontrolli fuq livell ta' *management* ikomplu jsaħħu l-fehma li ilhom li urew kemm l-Awditur Ġenerali u l-Awdituri Interni li qabdet il-*WasteServ*, li hemm nuqqas serju ta' prattiċi ta' *good governance* fit-tmexxija tal-*WasteServ*.

Ir-rapport fi tmiem tiegħu jagħmel sensiela ta' rakkomandazzjonijiet serji u professjonali.

Nistenna bi dritt li dawn għandhom jiġu indirizzati mill-Bord tad-Diretturi l-Ġdid b'attenzjoni u b'urġenza.

L-għan tagħna huwa wieħed. Li nitgħallmu mill-iżbalji ta' ħaddieħor u naraw li l-Bord il-Ġdid jevita milli jirrepeti n-nuqqasijiet serji li saru minn ta' qabilhom.

Ma' dan inżid li fid-dawl tan-numru kbir ta' ilmenti u allegati inġustizzji li wasslu għall-attenzjoni tagħna, qegħdin naħtru ***Employee Grievances Unit***, li skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport li qed nippreżentaw illum, dan il-Unit se jkollu rwol indipendenti mill-Ministeru u mill-WasteServ biex jagħrbel dawk l-ilmenti li jinstabu li huma ġustifikati. Id-dettalji dwar dan il-Unit se jingħataw fil-jiem li ġejjin.

Nittama u nawgura li fid-dawl tan-nuqqasijiet kollha serji li għadni kif semmejt, min ma ddejjaq xejn li jiġi jaqa' u jqum minn dak li kull tip ta' tmexxija għaqlija u bieżla setgħat titlob minnu, għandu jkollu l-kuraġġ

li issa jġorr ir-responsabilità politika għal għemilu f'din il-Kamra u lil hinn minnha.